KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta' Gunju 2014

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tlieta u tletin (33) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tlieta u Tletin (33) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 4 ta' Gunju 2014 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Risposta ghar-Ittra tal-Awditur (Management Letter)
10. Vandalizmu fic-Centru Rikreattiv Re Gorg V
11. Bankijiet ta fuq il-Fosos (Indipendenza)
12. Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V
13. Pavimentar ta' Gnien il-Mall
14. Fondi mill-Unjoni Ewropeja
15. Parkeggi
16. Bankini u Asfaltar Balzunetta
17. Isle of MTV
18. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tlieta u Tletin (33) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' safar.**

**L-Ambaxxatur Lokali taz-Zghazagh Jean Zarb ma kienx prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Vici Sindku Matthew Paris.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tnejn u tletin (32) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet il-korrezzjoni ta' materja nru 9.2.2 li ghandha taqra "Christian Brincat".

1.3. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah il-materja billi qal li jirrakkomanda li fl-assenza tas-Sindku, ghandu jwiegeb is-Segretarju Ezekuttiv jekk ikun jaf x'ikun zviluppa dwar certu materji.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.4 (32) u saqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Perit Ray Farrugia. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu ma kienx bat din il-korrispondenza u ma kellux informazzjoni jekk din il-korrispondenza ntbaghtitx mis-Sindku. Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi lis-Sindku jekk din il-korrispondenza ntbaghtitx u f'kaz li ma tkuntx intbaghtet, ghandha tintbaghat mis-Segretarju Ezekuttiv.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 5.4 (32) u saqsa jekk il-Kunsill kienx ivverifika dwar il-haddiema fil-gonna tal-Belt Valletta. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu ma kienx ivverifika izda jista' jaghmel dan jekk il-Kunsill jaqbel. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 5.5 (32) u nforma lill-Kunsill li l-lasti fil-picc sintetiku kienu gew irrangati mill-haddiema tal-Kunsill.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 18.2 (32) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien tkellem ma' Alfred Triganza u ghandu jiltaqa' mieghu il-gimgha ta' wara.

2.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien iltaqa' mac-Chief of Staff ta' Hon. Ian Borg MP – Segretarju Parlamentari Ghall-fondi tal_Unjoni Ewropeja u Presidenza 2017 u fakkru fit-talba ghal-laqgha. Il-Vici Sindku qal li ghandu jzomm il-Kunsill informat appena jkollu risposta.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

**Nota: Fl-assenza tas-Sindku, il-komunikazzjonijiet gew imressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris.**

3.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah il-materja billi semma l-iskema ta' parkegg residenzjali fejn qed ikun hemm diversi talbiet minn residenti li ghandhom negozju fil-lokalita'. Huwa saqsa lill-Kunsill jekk hemmx lok li l-Kunsill jaghti permess lil sid ta' hanut li jkollu permess diga bhala resident fil-

Floriana sabiex ikun jista' jinghata lil wiehed mill-impjegati tieghu.

3.1.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jhoss li tkun qed tinholoq diskriminazzjoni jekk sid ta' hanut ma jinghatax permess bhala sid ta' hanut ghax hu Furjaniz.

3.1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-permess ma jinghatax lill-hanut izda jinghata lis-sid u ghalhekk sid furjaniz diga jkollu permess jipparkja fil-Floriana. Huwa qal li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta ladarba l-individwu jkun diga inghata permess mill-Kunsill.

3.1.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li thoss li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda minhabba li hemm diversi punti ohra li ghandhom jigu diskussi, bhalma huma t-tfal ta' residenti li ghad m'ghandhomx sittin sena li m'humiex intitolati ghall-permess.

3.1.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jinghata cans sal-laqgha li jmiss fejn din il-materja terga' tigi diskussa u f'kaz ta' qbil, titpogga fuq l-agenda tal-laqgha ta' wara.

3.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq talba minghand il-JCI sabiex isir uzu mill-Fosos biex tittella' ikla nhar l-14 ta' Gunju 2014. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata cans sal-ahhar tal-gimgha biex jirrevedi l-kundizzjonijiet li ser jinhargu mill-Kunsill fir-rispett ta' din l-attivita'.

3.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq talba minghand Sharon Mifsud mill-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn informat lill-Kunsill bil-Premju Frans Sammut u bid-data tal-gheluq ghan-nominazzjonijiet.

3.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq talba minghand NNG Promotions sabiex tigi riservata Pjazza Papa Gwanni XXIII dakinhar tal-kuncert ta Joseph calleja. Il-Vici Sindku qal li dakinhar tal-kuncert hemm zewg attivitajiet ohra kbar u ghalhekk issuggerixxa li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tal-Pulizija qabel ma jilqa' t-talba. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

3.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand Owen Spiteri tal-G7 fir-rigward tal-barijiet u esklussivta ghall-Kuncert tal-Isle of MTV. Il-Kunsill qabel li din ghandha tigi diskussa iktar tard matul il-laqgha fil-materja rispettiva.

3.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand Radju vilhena fejn irringrazzjaq lill-Kunsill tal-koperazzjoni tieghu. Huma talbu wkoll permess biex jitpoggew tmien slaleb fi Triq il-Miratur mal-arbli li jintuzaw mill-Kunsill f'Jum il-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li dawn l-arbli jkunu liberi meta l-Kunsill ikollu bzonnhom.

3.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Anzjani u l-Kura fil-komunita' fejn offrew lill-Kunsill li ssir harga ghal Ghawdex b'mod kongunt. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb it-trasport lejn ic-Cirkewwa u lura. Il-Kunsill qabel ukoll li l-harga ghandha ssir nhar it-13 ta' Gunju 2014.

3.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq talba minghand Middlesea Insurance sabiex itellghu attivita' fuq il-Fosos kif ukoll itellghu xi vetturi ghal show fuq il-Fosos. Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-pozizzjoni li l-Kunsill dejjem ha rigward vetturi fuq il-Fosos. Il-Vici Sindku issuggerixxa li l-vetturi jitpoggew mad-dawra tal-Fosos. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-fatt li d-data proposta ser taqa' fil-perjodu taz-zarmar tal-istrutturi tal-Isle of MTV. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' maghhom sabiex jigu diskussi xi punti qabel ma tinghata approvazzjoni.

3.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq ittra minghand is-Surmast tal-iSkola Primarja fejn irringrazzja ghat-tabelli li twahhlu fil-Kunsill fi Triq San Tumas. Huwa kompla billi ssuggerixxa li jitwahhlu zewg bollards fil-bidu u fit-tarf tat-triq biex dawn jaghlqu l-access ghat-triq fil-hinijiet tad-dhul

u l-hrug tat-tfal mill-iskola.

3.9.1 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li ssir wahda biss fi Triq Sarria c/'w Triq San Tumas ladarba din it-triq hija one way u ghalhekk ma kienx hemm bzonn ta' bollard fin-naha l-ohra. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li minkejja dan gieli jkun hemm vetturi li jitilghu b'lura minn Triq San Publju c/w Triq San Tumas.

3.9.2 Il-Kunsill qabel li jitpoggew, madankollu primarjament ghandu l-ewwel jikkonferma mas-Supretendent li l-Pulizija huma disposti jiehdu hsieb jaghlqu u jifthu l-access ghat-triq.

3.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq talba sabiex jitwahhal banner fi Triq San Frangisk c/w Triq il-Miratur bl-isem ta' Oklahoma Bar.

**Nota: 17:59 Il-Kunsill qabel li ghandu jissospendi l-laqgha.**
**18:01 Il-laqgha tkompliet.**

3.10.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jhoss li l-Kunsill ghandu jiehu parir legali minghand l-avukat ladarba t-talba hija ghal perjodu twil.

3.10.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jsibx oggezzjoni ladarba l-Kunsill diga jaghti permess biex jittella' banner ghal Jum l-Ewropa. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qablet.

3.10.3 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li l-banner ser ikun qed jitwahhal mal-wires tal-festa ghaldaqstant is-sid irid igib il-permessi necessarji

3.10.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-permess jinghata xahar b'xahar bil-kundizzjoni li r-resident igib permess minghand sid il-wires tal-Knisja.

3.10.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu l-pariri necessarji.

3.11 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq talba minghand Dr Joseph Buhagiar fejn saqsa dwar il-fdalijiet tal-porfido slabs li ghandu l-Kunsill u talab li dawn jinghataw donazzjoni lill-Argotti jekk mhux ser jigu uzati. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lil Dr Buhagiar li l-islabs mhumiex zejda u qeghdin hemm ghall-possibbli uzu u li ghandu jikkunsidra t-talba tieghu f'kaz li l-progett ikun lest u l-kuntrattur jinforma lill-Kunsill li hemm xi bicciet zejda.

3.12 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq talba minghand Melchiore Dimech fejn informa lill-Kunsill li kien ser jghaddi d-dokumenti mitluba mill-Kunsill fil-jiem li gejjin minhabba li l-vettura kienet qed issirilha kaxxa biex tintuza specifikament ghall-kollezzjoni ta' gbir ta' skart goff.

**Nota: 18:05 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

3.12.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li din is-sitwazzjoni kienet ilha ghaddejja hafna u li l-Kunsill kellu jara x'ser jaghmel biex il-kuntrattur jirregolarizza s-sitwazzjoni.

3.12.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra legali lill-kuntrattur fejn jinformah li l-Kunsill qed jirriserva d-dritt li jiehu kull azzjoni necessarja jekk il-kuntrattur jonqos milli jirregolarizza ruhu malajr kemm jista' jkun.

3.13 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq talba minghand Sean Meli fejn gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-mod kif sar ix-xoghol taz-zebgha mar-railings. Huwa sostna li kellha tittiehed il-prekjazzjoni kollha mehtiega ladarba kien hemm vetturi pparkjati. Huwa kompla billi qal li minkejja dan, kienet taret xi zebgha fuq il-vettura tieghu u li fortunatament kien irnexxielu jnehhi z-zebgha minghajr spejjez. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien tkellem mal-haddiema rigward din is-sitwazzjoni u talabhom joqghodu iktar attenti f'kazijiiet simili.

## <u>4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet lis-Sindku.

**<u>Nota: 18:07 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.</u>**

## <u>5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati</u>

5.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah il-materja billi nforma li l-laqgha mal-President ta' Malta ser issir fid-9 ta' Gunju 2014 u li ghaliha kienu ser jattendu wkoll l-Arcipriet u l-President tas-Socjeta' Filarmonika Vilhena.

5.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-minuti tas-sottokumitat tal-ordni pubblika, harsien tac-citaddin u relazzjonijiet mal-Pulizija.

5.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-membri tas-sottokumitat kien qed jitlob ghall-feedback min-naha tal-kunsillieri.

5.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kienet intalbet statistika tal-kriminalita' fil-Floriana lill-Kummissarju tal-Pulizija.

5.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward is-sejha ghall-offerti li harget gha l-gabbana li hemm magenb il-Bieb tal-Bombi. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob l-informazzjoni lill-istess entita' fl-istess hin li jitolbu informazzjoni dwar l-attendants fil-gonna.

5.5 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li l-pompa tal-bir inharqet u hemm bzonn li din tinbidel. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet sabiex din tinbidel.

5.6 Il-Kunsillier Vincent Borg qal ukoll li wiehed mis-suggerimenti li ghamlu l-membri tas-sottokumitat kien li l-Pulizija jibqghu fil-lokalita' sa x'hin jitilqu n-nies u mhux sat-tmiem tal-kuncert tal-Isle of MTV. Il-Kunsill qabel.

## <u>6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill</u>

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-applikazzjonijiet ghall-vakanza ta' skrivan ser jaghlqu nhar is-7 ta' Gunju 2014.

6.2 Huwa kompla billi qal li kien hemm zewg persuni li kienu applikaw meta harget is-sejha interna izda wiehed ma kienx eligibbli filwaqt li l-iehor kien irtira l-applikazzjoni tieghu minhabba li sab opportunita' ahjar.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fis-sejha esterna kien ircieva ammont kbir ta' applikazzjonijiet u esprima l-hsieb tieghu li hafna mill-applikazzjonijiet kienu jirrigwardjaw nies li qed ifittxu xoghol ghax-xhur tas-Sajf jew flessibbli. Ghalhekk huwa ppropona li jibghat korrispondenza lil kull applikant/a fejn jinformahom bil-hinijiet li l-impjegat/a kien ser ikun mitlub jahdem u l-applikant jikkonferma l-interess teighu

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 93-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ser jastjeni mill-pagamenti tal-Aurelia Enforcement Ltd. u tal-Jobbers minhabba kunflitt ta' interess.

7.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili , ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12031 sa 12064, bir-rizultat:

Favur: 4 (ET, DSH, MP, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Vici Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li prezentament s-sitwazzjoni tal-pagamenti ma kinietx hazina hafna izda lanqas kienet wahda tajba, minhabba li fil-perjodu li gej iridu jibdew johorgu il-hlasijiet tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar ta l-Art Mekkanizzat.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

**Nota: 18:19 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat.**

## 9.0 Risposta ghall-ittra tal-Awditur (Management Letter)

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah il-materja billi spjega fuq fuq ir-risposta ghall-ittra tal-awditur. Huwa kompla billi nforma lill-Kunsill b'dak li kien qed isir fl-ufficcju amministrattiv sabiex jigu ttrattati xi punti mill-ittra tal-awditur.

9.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-Kunsill jistax jerga' jibghat xi ittri lil dawk in-nies li ghandhom jaghtu lill-Kunsill xi flus mic-citazzjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li din kienet qed tigi diskussa u qal ukoll li l-Kunsill irid jikkunsidra persuni li ghandhom eluf ta' ewro dovuti lill-Kunsill f'citazzjonijiet.

9.3 Il-Kunsill qabel unanimament mar-risposta tal-Kunsill, u konsegwentament din l-ittra tista' tintbaghat.

## 10.0 Vandalizmu fic-Centru Rikreattiv ir-re Gorg V

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi nforma li l-vandalizmu kien naqas f'dan l-ahhar xahar. Huwa kompla billi qal li l-bibien kienu issa saru bil-katina u ma baqghux biss bil-firrolli.

10.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-ittra mibghuta lir-residenti setghet kienet ta' ghajnuna wkoll fit-tnaqqis tal-vandalizmu.

10.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kien hemm xi hadid maqlugh minn mal-gebel fejn hemm il-playingfield. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat il-haddiema tieghu sabiex jirrangawh.

## 11.0 Bankijiet ta fuq il-Fosos (Indipendenza)

11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien tkellem mal-Avukat u ghaddilu l-informazzjoni kollha necessarja sabiex ikun jista' jipprocedi.

## 12.0 Gabbana tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V

12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li hu jinsaghab infurmat li l l-ftuh ufficjali tal-gabbana ser isir fi tmiem dik il-gimgha.

12.2 Huwa kompla billi nforma lill-Kunsill li gie ssuggerit biex il-permess tal-gabbana jigi trasferit fuq il-Kunsill Lokali wara x-xhur tas-Sajf. Dan minhabba li l-process jaf ikun wiehed ftit twil u ghalhekk ghandu jibda' meta l-gabbana tkun maghluqa. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 13.0 Pavimentar ta' Gnien il-Mall

13.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kellu jkellem lill-amministraturi tal-gnien sabiex isir trangar necessarji habba zlieq fil-pavimentar tal-passaggi fi Gnien il-Mall.

13.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jidher li kien ghadu ma giex iddeterminat ta' liema ministru hi r-resposabbilta' ta' dan il-gnien.

13.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li kien innota li l-vetturi tal-ELC kienu qed jidhlu gol-gnien u qal li ma jaqbilx ma' dan.

13.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien wasal iz-zmien li jigi ddeterminat liema ministeru kien responsabbli ghal dan il-gnien u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jikteb liz-zewg ministri sabiex dan jigi ddeterminat.

## 14.0 Fondi mill-Unjoni Ewropeja

14.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li bhalma qal iktar kmieni fil-laqgha ghandu jinforma lill-Kunsill meta tkun ser tinzamm il-laqgha ma' Alfred Triganza.

14.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien informat mis-Sindku li kien iltaqa' f'riceviment ma' L-Onoverevoli Ian Borg fejn kellmu rigward il-materji pendenti. Huwa kompla billi qal li ser ikompli jsegwi din il-materja.

## **15.0 Parkeggi**

15.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## **16.0 Bankini u Asfaltar Balzunetta**

16.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li x-xoghol ma kienx tkompla minhabba c-cirkustanzi finanzjarji. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma kinietx wahda tajba hafna u kien hemm anke kuntratturi li kienu qed jheddu li mhux ser ikomplu jaghtu servizz.

16.2 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa li l-Kunsill jistenna l-allokazzjoni ta' Gunju u id-dhul ta fondi mill-permessi tal-attivitajiet principali sabiex tkun iddeterminata ahjar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill wara li jinhargu l-pagamenti relatati mal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

## **17.0 Isle of MTV**

17.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva xi suggerimenti minghand ir-residenti. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien hemm xi suggerimenti li hafna minnhom kienu dawk komuni.

17.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand Owen Spiteri fejn informa li hu kien lest ma jpoggix bar quddiem The Granaries bil-kundizzjoni li l-Kunsill ma johrogx permessi ghal bars u mwejjed quddiem hwienet ohra.

17.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx li ghandu joggezzjona ghal hrug ta' stand u mwejjed barra minn bars ladarba ma jkunx hemm oggezzjoni min-naha tal-Pulizija.

17.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma thossx li ghandu joggezzjona l-Kunsill jekk ma jkunx hemm oggezzjoni tal-Pulizija.

17.5 Il-Kunsillier Edward Torpiano kien tal-istess hsieb specjalment ladarba l-kuntrattur ma kienx specifika liema bars ma setghux johorgu bars u mwejjed barra u ghalhekk dan seta' jkun qed jirreferi ghall-bars kollha tal-Floriana u mhux biss dawk ta' madwar il-Fosos.

17.6 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li jhoss li l-Kunsill ikun qed jiddiskrimina jekk jaghti permess lil hanut wiehed sabiex johrog recipjenti barra u jirrifjuta l-permess lil hwienet ohra.

17.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha ma' Owen Spiteri kif ukoll mal-Pulizija sabiex tigi diskussa din il-korrispondenza.

17.8 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-Pulizija kienu qed jitolbu qisien dettaljati tal-bars u mwejjed li ser jintramghu quddiem il-hwienet fil-Floriana.

17.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris ikkonkluda billi qal li hu jesiegi li l-kunsillieri kollha jkunu nformati bil-laqghat kollha li jkunu ser jinzammu. Huwa ghamel riferenza specifika ghal laqgha li

saret ricentement mal-Ambaxxatrici tat-Turkija kif ukoll ghal laqgha ohra li nzammet mal-President tal-Floriana F.C. fejn hadd mill-kunsillieri ma kien informat u fejn il-kunsillieri kollha kellhom isiru jafu b'dawn il-laqghat permezz tal-Facebook.

## 18.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 3 ta' Lulju 2014 fis-2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-18.55.

Matthew Paris
Vici Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv